# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 8 ta' Gunju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 40 /2021 CL

It-Tribunal;

**Gordon's Moto Dealer Limited (C31490)**

**VERSUS**

**Dr. Joseph Brincat nnominat kuratur sabiex jirraprezenta l-eredi mhux maghruga ta' Boris Cini**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fid-9 ta' Frar, 2021 fejn intalab sabiex l-eredi ta' Boris Cini jhallsu lis-socjeta attrici s-somma ta' erbat disa' mija u disgha u disghin elef euro u disgha u disghin centezmu (€4999.99) ammont rapprezentant l-bilanc pendenti u dovut in konnessjoni mal-bejgh ta' mutur tal-ghamla BMW u mudell R1200RT, illi l-mejjet Boris Cini kien akkwista fis-7 ta' Frar 2018. Liema ammont huwa dovut minn ammont aktar illi qieghed jigi ridott ghal fini ta' din it-talba, u dan kif jirrizulta mill-fattura annessa mat-talba immarkata bhal GMD1. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali bin-numri 529/2020 datat 10 ta' Marzu 2020 kif ukoll l-imghaxijiet legali minn Gunju 2018 sad-data tal-pagament effetiv, kontra l-intimati li minn issa huma ingunti ghas-subuzzjoni.

Rat illi fid-9 ta' Frar 2022 xehed Gordon Micallef li huwa managing director tas-socjeta attrici, illi Boris Cini kien xtara mutur minn ghandu, hallas depozitu u kellu jaghmel pagament kull xahar sakemm jhallas l-ammont kollu dovut, izda kien ghamel pagament wiehed biss, ghax kellu incident fatali. Kienu bghatu xi ittra lil familjari tieghu fl-indirizz li kellhom tieghu u kien ikkomunika maghhom huh, Kurt Cini u qal illi kellu jmur jhallas izda qatt ma mar. L-ammont dovut kien ta' €5466, ghax il-mutur kien inbiegh ghal prezz ta' €8,600 u kien fadal bilanc ta' €5466.65 u kien irriducja l-ammont ghal €4.999.99 ghal-fini tat-talba quddiem it-Tribunal. Ra ukoll in-nota tas-socjeta attrici fejn ipprezentat kopja tal-ittra ufficjali kif ukoll agreement iffirmat minn Gordon Micallef u Boris Cini.

Ra n-nota ta'  Dr Joseph Brincat ipprezentata fit-18 ta' April 2022, li permezz taghha informa lit-tribunal illi hu ghamel ricerka fuq il-post fejn kien jirrisjedi Boris Cini, fejn irrizulta ili jghixu tlieta min-nies li ma jidhrux li jigu minn Boris Cini.

Ikkunsidra;

Illi mill-atti jidher illi ghalkemm l-ammont dovut kienet fl-ammont ta' €5456.65, skond ir-rendikont li gie ipprezentat u li jidher a foll 3, dan kien gie ridott ghal €4999.99 u dan propju sabiex jaqa' taht il-kompetenza tat-Tribunal li ma jistax jezorbi l-kompetenza tieghu b'valur aktar minn €5000.

Illi ghalhekk, in vista ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur, li gie ridott ghal €4999.99, huwa dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenutu eredi ta' Boris Cini, jhallsu lill-istess socjeta attrici is-somma ta' erbat elef disa' mija u disgha u disghin euro u disgha u disghin centezmu (€4999.99) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-ittra ufficjali li tinsab a foll.8 tal-process sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif ukoll tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma a kariku tal- konvenut. L-ispejjez tal-kuratur deputat ghandom jithalsu provisorjament mis-socjeta attrici.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**